San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 42 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Gimgha 21 ta' Frar 2014 fis-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsillera |
| Oliver Mallia | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Mario Buhagiar | Kunsillier |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a**
Alex Bezzina, John Bray, Jane Chircop, Daniel Grima, Peter Abela u Simeon Nechev.

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

**Il-laqgha bdiet fil-5.30pm.**

**Qari u approvazzjoni tal-minuti.**
Billi l-minuti tal-laqgha precedent numru 41 gew cirkulati minn qabel, dawn ittiehdu bhala moqrija u korretti bl-aggustamenti li gibdet l-attenzjoni ghalihom il-Kunsilliera Graziella Galea.

**Donazzjonijiet.**
Saret diskussjoni qasira fuq jekk ghandux johrog talba ta' espressjoni l-Kunsill biex jara min huwa nteressat li jisponsorja u jaghti donazzjoni lill Kunsill meta jinghata l-permess biex jirriklama fuq tabelli ghat-turisti. Ghaldaqstant minhabba li din hija talba ghall donazzjoni s-segretarju ezekuttiv gie mitlub jitkellem mad-dipartiment halli jsaqsi jekk ghandix tohrog espressjoni ta' nteress f'dan ir-rigward.

**Kumitat ghaz-zoni turistici.**
Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar gibdet l-attenzjoni li peress li hija l-kunsilliera li ghandha d-dekasteru tat-turizmu – qatt ma' giet ikkonsultata fuq dan il-kumitat. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li ma' ghandu l-ebda oggezzjoni li tkun Mandy Buhagiar.

**Skeda tal-hlasijiet**
Is-Sindku talab lill Kunsilliera jekk hemm xi mistoqsijiet ta' kjarifika fuq l-iskeda halli titressaq ghall-approvazzjoni. Billi kien hemm pagamenti halli jigu rifonduti spejjes ta' hsarat fuq karozzi minhabba l-istat hazin tat-toroq wara x-xita, gie deciz li pagamenti b' referenza No 92,104,125 u 133 jinzammu milli jithallsu ghalissa halli niehdu parir minghand l-avukat. Billi fuq din id-decizjoni kulhadd qabel, is-Sindku Mario Salerno talab votazzjoni ghall-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsilliera Graziella Galea, Anne Fenech u Robert Piscopo astjenew filwaqt li l-kunsilliera Mandy Buhagiar, Oliver Mallia, Mario Buhagiar, Raymond Tabone u s-Sindku approvaw.

**Korrispondenza.**
_Kodici tal-etika._ Is-Ssegretarju Ezekuttiv talab lill dawk prezenti jekk hux kulhadd kien iffirma li rcieva l-kodici tal-etika li tqassmet mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kollha.

_Riforma tas-sistema tal-infurzar u gwardjani lokali_ – gie cirkulat avviz li ser ssir laqgha fil-lukanda Dolmen fl-10 am fuq is-sistema l-gdida tal gwardjani lokali.

_Tinfetah il-kaxxa tal-espressjoni ta' nteress fuq tabelli ta' nformazzjoni ghat-turisti._ Il-laqgha tal-Kunsill giet sospiza fil-1845 sabiex tinfetah il-kaxxa tal-expression of interest ghat-tabelli tat-turisti. Gew mitfugha tlitt offerti minn dawn il-kumpaniji :- Blues Ltd, B. Grima u TK communications. Fis-1910 il-laqgha kompliet u gie deciz li ghandu jinhatar board tal-aggudikazzjoni halli jghazel l-ahjar offerta.

_Live Streaming._ Waslet il-konferma li l-Kunsill jista' jibbenifika minn skema halli jigu nstallati cameras biex jintuzaw ghall steaming tal-laqghat fuq l-internet. Billi l-apparat li kellu l-Kunsill ma' kienx qed jiffunzjona tajjeb u kellu sahansitra jitnehha kollox, gie maqbul li tintalab kwotazzjoni

halli tintghazel sistema konformi mar-regolamenti tal-live streaming li hardu mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Ghaldaqstant is-segretarju gie mitlub jitlob offerti halli jsir dan ix-xoghol u jintalbu l-flus mill-iskema.

**Tenders godda**. Is-segretarju ezekuttiv informa lill Kunsill li hemm bzonn li tohrog tender gdida tal-bankini, tal-Measure 125 biex isiru moghdijiet fl-ghelieqi u biex il-Kunsill jippublika r-revista tal-Kunsill ghax kienet ghalqet. Billi l-kunsilliera Graziella Galea qalet li ma' hemmx bzonn li tohrog tender gdida ghat-tiswijiet tal-bankini ghaliex fit-tender tal-*patching* hemm imnizzel l-estimi ta' xoghol simili. Is-Sindku Mario Salerno spjega li kienet decizjoni tat-tribunal li tohrog tender ohra u kif biex il-Kunsill jinghata donazzjoni kellu johrog espressjoni ta interess – bl-istess mod il-Kunsill ghandu johrog tender ohra. Ghaldaqstant ittiehdet votazzjoni kif gej:-

- Votazzjoni li tohrog tender gdida tal-bankini- Kulhadd favur barra Graziella Galea, Anne Fenech u Robert Piscopo.
- Votazzjoni biex tohrog tender ghar-rivista tal-Kunsill – Kien hemm qbil unanimu.
- Votazzjoni biex tohrog tender halli jsiru triqat bejn l-ghelieqi fuq skema tal-Measure 125 – Kien hemm qbil unanimu.

**Talba ghall permess** minghand il-Kunsill. Il- kunsillier Robert Piscopo spjega li kellu talba minghand Nags Head Pub -117 Triq San Xmun biex ikun jista' johrog imwejjed u siggijiet fuq il-bankina quddiem l-istabbiliment tieghu. Wara diskussjoni qasira l-kunsillier Raymond Tabone qal li ghandu jintuza l-istess prassi li kienet tintuza qabel - li diment li l-istabbiliment ikollu l-permessi kollha mehtiega minghand l-awtoritajiet kompetenti, l-Kunsill ma' jsib l-ebda oggezzjoni ghall dan. Jekk ikun stabbiliment li jitlob estensjoni tal-bankina din tinghata tal-injam kif giet approvata taz-Zeta Bar. Ghaldaqstant saret votazzjoni fuq dan ir-rigward u kulhadd qabel li l-Kunsill ghandu jzomm u jimxi ma' dawn il-prassi.

***Parole Workers***. Is-Sindku Mario Salerno spjega li hemm skema li permezz taggha jithaddmu fuq xoghol ta' community work mall-Kunsill Lokali u l-Kunsill Lokali ta' San Pawl ghandu jaghti din l-opportunita lill dawn in-nies. Huwa kompla jispjega li dawn irid imur xi hadd mill-haddiema taghna biex iwassalhom u jerga' jihodhom lura meta jitlesta x-xoghol. Il-Kunsilliera Anne Fenech staqsiet jekk dawn il-haddiema hux ser ikollhom xi hadd minn jiehu hsiebhom ghax barra minn Malta skemi bhall dawnb ikunu sorveljati min nies kompetenti. Is-Sindku Mario Salerno spjega li hija r-responsabilta tal-habs li tara li kollox jimxi kif suppost u skema bhal din mhux ta' minn jitlifa ghax il-kunsill jiffranka hafna flus. Wara diskussjoni qasira, gie deciz li s-segretarju Ezekuttiv ghandu jikteb lid-dipartiment ghal-linja gwida fuq minn taqa' r-resonsabilta ta' dawn il-haddiema li jingiebu fuq *parole*.

**Open Gym**. Is-Sindku Mario Salerno qal li l-progett tal-open gym gie approvat u talab lill perit biex johrog il-BOQ's halli l-Kunsill ikun jista' johrog it-tender halli jinbeda x-xoghol mehtieg.

**Skuzat**. Fit-1955 il-Kunsillier Robert Piscopo gie skuzat minhabba impenji ohra.

**Accessibilita ahjar.** Is-Sindku Mario Salerno qal li l-Kunsill ser japplika ghall skema tal-accessibilta. Il-Kunsillier Raymond Tabone ghanda ssir rampa biex il-persuni bi bzonnijiet specjali jkunu jistghu jinzlu fil-bahar bil-*wheelchair* b'kollox, bla problem. Is-Sindku qal ukoll li ghandhom isiru aktar rampi fit-tarf tal-bankini.

**Garaxx mikri mill-Kunsill jinbdiel f'Gym ghall komunita.** Il-Kunsillier Raymond Tabone spjega lill Kunsill li hemm xi diffikultajiet minghand il-MEPA biex jinhareg il-permess necessarju halli l-garaxx mikri mill-Kunsill jibda jintuza mill komunita bhala gym. Huwa staqsa ghaliex il-MEPA qed issib dawn il-hafna problemi meta f' Bugibba ga qed jinkrew garaxxijiet u jsiru *Gym's* privati.

**Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno – 21 ta' Frar , 2014**

1. Taqsima tal- Edukazzjoni u Tahrig

1.1 Matul ix-xahar ta' Frar , 14 kellna l-gradwazzjoni ta' parteċipanti adulti li bbenefikkaw mill-programm tal- European Social Fund – ESF f' diversi korsijiet tal-kompjuters , wirt storiku , ingliz għan- negozju u kura tal-klijenti fil-qasam turistiku. Ingħattaw iċ-ċertifikatti fis-sala tal-kunsill lokali

1.2 Fiz-zmien qarib se jkun hemm adulti li jispiċċaw il-kors tal- ECDL taħt l-iskema tal-ESF , fejn il-parteċipanti għandhom kollox imħallas inkluz l-ezami tal-modjuls 2, 3, 4,5,6,7 kif ukoll iċ-ċertifikatti. Dawn il-benefiċjarji setgħu jibenefikaw minn dawn il-korsijiet , għax aħna fil-kunsill ma qtajniex qalbna minn sfidi fejn il-proġett għadda minn diversi idejn , kien hemm ukoll nuqqas ta' dokumenti li riedu jkunu rkuprati . Għad baqa' jinġabru xi CVs ta' kunsilliera biex ikunu mehmuża fil-fajl. Bħalma kien ta' suċċess dan il-kors , hemm il-proġett ieħor fil- qasam ta' informazzjoni elektronika li jaqa' taħt il-programm RDP , fejn hemm miżura 313 li l-kunsill lokali applika biex jammonta Visual Screens b' informazzjoni fuq il-lokalita. Milli jidher għad hemm xi diffikulta fuq l-aspett finanzjarju tal-proġett , imma din trid tkun rizolta mal-Paying Agency tal-Programm . Parallel mal-miżura 313 , il-kunsill lokali applika għal proġett ta' Ġimnasju Miftuħ – open gym ħdejn l-Akwarjum . Is-Sindku qal li dan il-proġett huwa ffinanzjat kollu kemm hu taħt il-Leader li jitmexxa mill-GALmajjistral u li s-somma hija ta' 75,000 ewros . Mario Salerno stqarr li għax kien hemm min ħabrek fil-passat biex jindaħlu l-applikazzjonijiet għal fondi tal- Ue , illum nistgħu nipproċessaw u nimplimentaw dawn il-proġetti .

2. L-użu tal-iskola primarja wara l-ħin

2.1 il-kunsill lokali jħallas għal servizz ' overtime ' ta' impjegata tal-iskola primarja biex il-bibien jibqgħu miftuħin u b' hekk il-klassijiet jintuzaw għal diversi korsijiet fejn jattendu mhux biss maltin imma kotra barranin li huma residenti fil-lokalita. Il-kunċett tal-Adult Lifelong Learning jaħdem fil-kommunita u huwa pjaċir tara' li kull filgħaxija l-iskola tibqa' tintuza' .

2.2 il-kunsill lokali jħallas wkoll għal servizz ta' librar li jieħu ħsieb jiftaħ il-librerija . Ukoll il-kunsill lokali jikkontribwixxi lejn xiri ta' kotba .

2.3 Dan l-aħħar , smajna li skola primarja ġdida se tinbena' ħdejn Triq wileġ. Is-sindku qal li billi l-inħawi huwa skedat bħala art pristina naturali , jagħmel ħafna sens li kieku l-izvillupp il-ġdid jirrispekja l-inħawi u l-prinċipju tal-ekoloġija , liema prinċipju huwa għaziz għal kommunita . Għalkemm huwa prematur li titkellem fuq skola ġdida , hu importanti li minn issa nridu naħsbu li jkollna zvillupp li huwa konsonanti u f' armonija mal-inħawi .

3. Il-kultura

3.1 Fix-xhur li għaddew is-sindku stqarr li wasal iz-zmien li jkun hemm inizjattiva mir-residenti biex jaħdmu fuq it-twaqqif tal-monument ta ' San Pawl ħdejn l-Erbgħa Mwieżeb . Qed nissuġġerixxi li l-kunsill lokali jiftaħ diskussjoni mal-Għaqda Kulturali u nitlob li jkun

hemm kunsilliera miz-zewġ naħat biex ikunu parti minn kumitat wiesa' li jaħdem biex jitwaqqaf il-monument.

3.2 F' Marzu , li ġej il-kunsill lokali se jagħti għarfien lis-sit arkejlogiku tax-Xemxija. Jum l-Arkejologija fix-Xemxija huwa avveniment kulturali fejn ikun hemm żewġ gwidi – Frans Scerri u Fr Eugene li jafu s-sit u li kapaċi jfissru l-valur storiku taz-zona. Għal din l-attivita kulturali għad nistennew x' rizultat se jinħareġ mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u jekk ningħattaw xi flus , inkunu f' qagħda aħjar biex nipprogettaw l-avveniment kulturali fix-Xemxija fl-aħħar Hadd ta' Marzu , 14. Il-ħsieb oriġinali kien , li jkun organizzat , fil-b idu tar-rebbiegħa imma billi l-Access se jorganizza l-Spring Festival , kellna ndawwruha għal aħħar Hadd ta' Marzu, 14.

F'Marzu , 14 se jkun hemm attivita kulturali organizzata mill-Access tal-Qawra. Aħna se jkollna żewġ handymen li jgħinu lil Martin Chetcuti kif ukoll Gloria Debono li se tkun tikkordina l-pjan loġistiku tal-attivita.

4 Il-proġetti ġodda

4.1 – Proġett pilota taħt l-iskema maħruġa minn On Leo Brincat. Hemm fond ta' 50,000 ewro li jinkorpora fih zamma ta' soft areas bi flora indiġena u endemika , kif ukoll assembleja ta' planters bi flora maltija. Bħalissa qed naħdem fuq presentazzjoni tal-proġett li jrid ikun prezentat lil ministeru sa nofs Marzu , 14. Il-kunsilliera kollha huma mitluba li jressqu xi suġġerimenti fuq dan il-proġett . Din in-nefqa tkun mħallsa minn dan il-fond tal-ministeru u ma jkunx ta' piz għal kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar.

4.2 – Proġett ieħor li jirrigwardja Ġnien San Ġeraldu , fejn inħarġu l-permessi kollha mill-Mepa , liema proġett jista' jkun ffinanzjat mill-Mistra Social Funding tal-Izvillupp . Il-kunsill għandu jikteb lil Mepa biex tagħti l-approvazzjoni ta' dan l-iffinanzjar tal-proġett lil kunsill u b'hekk mingħajr ma jinħela ħin , nibdew fuq dan il-proġett. Dan il-proġett hu stmat li jiswa' 750,000 ewros u jinħareġ mill-Fond tal-Mepa biex ma jkunx hemm piz fuq il-kunsill lokali.

4.3- Proġett tal-Gym Miftuħ ġie ffirmat mal-Galmajjistral . Is-somma hija ta' 75,000 ewros. Is-segretarju kellem lil perit konċernat mill-applikazzjoni tal-proġett biex jmexxi fuq linji gwidi tal-Gal dwar 'procurement tenders'. Dan ukoll mhux se jkun ta' piz għal kunsill lokali .

4.4- Hemm kompetizzjoni mniedi mid-Dipartiment tal-kunsilli lokali fuq aċċessibilta fil-lokalita. Il-kunsill irid jipproponi proġett fiz-zmien stipulat sabiex jittanta xortih biex iġib flus għal proġett li huwa tant bzonnjuz fil-lokalita. Bħala xogħol , is-sindku jipproponu li jkun hemm ranep aċċessibli fit-trufijiet tal-bankini fil-qalba tal-lokalita kif ukoll li jkun hemm is-simenta aċċessbli taħt it-torri Wignacourt u mogħdija aċċessibli wara l-Akwarjum . Il- proġett propost jindirizza kotra kbira ta' persuni vulnerabli u persuni li jitnizlu bil-wheelchair ġewwa l-ilmiet tal-baħar. Dan il-proġett ikun ħolqa minn katiena ta' kumpless soċjali fil- promenade tal-lokalita.

5.Tiswijiet u manteniment fuq l-infrastruttura

5.1 – Tlesta x-xogħol fuq il-moll faċċata tal-Qawra Hotel . Kien hemm tiswijiet fuq il-moll li magħha hu marbut is-slipway.

5.2 – Sar patching ta' diversi toroq wara l-maltemp li ħakem il-gzejjer tagħna. Ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-gvern u mill-handyman tal-kunsill .

5.3 – Tkompla x-xogħol tajjeb mill-ħaddiema tal-gvern fuq il-kopin tal-ħajt madwar il-ġnien fil-Housing Estate tal-Erbgħa Mwiezeb .

5.4 – Il-handyman tal-kunsill għamlu refreshing lines .

5.4 – Minħabba r-riħ qawwi , xi sinjali tat-traffiku tgħawwġu u saret ħsara fl-għamara tat-toroq , liema ħsarat ndirizzaw mill-ħaddiema tal-kunsill.

6. Xogħolijiet tat-tindif

6.1 – Sar qtugħ ta- ħaxix selvaġġ minn diversi toroq urbani u rurali.

6.2 – Tnaddfu tunnellati ta' rimi skartat fl-irkejjen .

6.3 – Inġabar skart goff bħal fridges , cookers li ntremmew fit-toroq tal-lokalita . Ukoll il-handyman tal-kunsill ġabar skart bulky fil-ħin wara l-uffiċċju u fil-weekends bħala ġabra ta' emerġenza.

7-Ħidma soċjali
7-1 – Sar kuntatt mas-superitend tal-pulizija biex ikun miftiehem il-proċedura tal-ordni waqt l-avvenimenti socjo-kulturali.
7.2- Fil-ġimgħat li ġejjien se jkun hemm laqgħat bejn il-kunsilliera mal-pulizija fuq diversi punti .
7.3- Tkellimna mal-headmistress tal-iskola primarja fuq diversi issues li jolqtu l-aspett edukattiv fil-kommunita.
7.4- Il- parole u l-kontribut ta' inmates fil-kommunita.

**Stqarrija tal-Kunsilliera.**

**Oliver Mallia**. Il-Kunsillier Oliver Mallia qal li l-Kunsill ghandu jara minn habit fil crash-barrier fit-tarf ta' Triq San Pawl halli jhallas il-flus mill-insurance u tinbidel.

**Graziella Galea**. Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li giet approvata il-bozza f' Gebel Azzara u din tehel mall-arblu. Hija qalet li jekk tohrog skema biex jigu konvertiti telephone boxes f' librerija ghall komunita ghandna napplikaw. Kompliet tghid li l-flyer tal-iskart ma' wasalx in-naha fejn toqghod hi. Staqsiet ukoll jekk kienx hemm xi zvilupp fuq il-bandli ta' fejn l-iskola – fuq il-klabb tal-bocci. Kompliet ukoll tghid li l-karozza tal-Kunsill qed tkun kullimkien u tahseb li mhux dejjem fuq kazijiet ta' xoghol. Hija qalet ukoll li l-minuti tal-Kunsill ghandhom jigu mtella fuq is-sit elettroniku meta jigu korretti.

**Anne Fenech**. Il-Kunsilliera Anne Fenech qalet li hemm bzonn zebra crossing ftit l-isfel mill-istabbiliment tal-MECCA. Kompliet ukoll li fejn l-ispizerija ghandu titnehha l-bicca bankina li hemm tesporgi l-barra. Il-Kunsilliera Anne Fenech qalet ukoll li t-triq fejn toqghod hi –hemm bzonn li jsir *patching* bil-konkos. Kompliet ukoll tghid li l-bandiera tal-Kunsill trid tissewwa u ser tiehu hsieb hi biex tara dan ix-xoghol isir. Fakkret ukoll biex tinkiteb ittra lill tal- Fun Train biex waqt il-hin tal-iskola ma' tghaddix it-*train* minn hemm. Qalet ukoll li hemm bzonn tizdied tabella taz-zebra crossing li hemm l-isfel mill-istabbiliment tal-Mecca.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fid- 2105 u giet aggornata ghall-nhar l-Gimgha 28 ta' Frar 2014 fil- 5.30pm l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali an Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.